



**BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tal-31 ta' Mejju, 2005**

**fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea**

**dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunita', dwar l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin (COM(2005) 88 finali)**

**(CON/2005/16)**

1. Fis-6 t'April, 2005, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunita', dwar l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin (minn issa 'l quddiem 'ir-regolament propost').
2. Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skond l-ewwel subinċiż ta' l-Artikolu 105(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropea. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.
3. L-għan tar-regolament propost huwa li jwaqqaf qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' l-istatistika tal-Komunita' dwar l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin. Min-naħa l-waħda, skond dan il-qafas l-iStati Membri se jirrapportaw data dwar l-affiljati barranin li huma residenti fil-pajjiż li jikkumpila, imma kkontrollati minn xi taqsima istituzzjonali barranija. L-Anness I mar-regolament propost jistabbilixxi modulu komuni għall-istatistika msemmija dwar l-affiljati barranin (minn issa 'l quddiem '*inward FATS*'). Min-naħa l-oħra, ir-rapportar ta' data dwar dawg l-affiljati barranin li mhumiex residenti fil-pajjiż li jikkumpila, imma kkontrollati minn xi taqsima istituzzjonali residenti fil-pajjiż li jikkumpila, bħalissa qiegħed isir fuq bażi volontarja u se jkun suġġett għal studji pilota li għandhom jitwettqu minn xi Stati Membri mhux aktar tard fi żmien tliet snin wara li r-regolament propost jidħol fis-seħħ. L-Anness II mar-regolament propost jistabbilixxi modulu komuni għall-istatistika msemmija dwar l-affiljati barranin (minn issa 'l quddiem '*outward FATS*').

4. Il-BĊE jilqa' ir-regolament propost. Billi jiddefinixxi qafas komuni, ir-regolament propost għandu jtejjeb il-komparabilita' ta' data dwar l-affiljati barranin li jinsabu fl-UE kollha, b'hekk jagħmilhom aktar adattati għal aggregazzjoni fil-livell ta' l-UE u/jew taż-żona tal-euro, u aktar ta' min joqgħod fuqhom għall-utenti kollha. Id-data dwar l-affiljati barranin bħalissa hija kkompilata minn istituti nazzjonali ta' statistika (is-soltu *inward FATS*) u banek ċentrali (is-soltu *outward FATS*) ta' l-iStati Membri. Il-metodi ta' kumpilazzjoni wżati huma skond ir-regolament propost, u din id-data għandha wkoll tassisti lill-BĊE biex jevalwa żviluppi ekonomiċi relatati ma' l-attivitá ta' korporazzjonijiet kbar u l-affiljati barranin tagħhom ġewwa u barra ż-żona tal-euro. B'mod partikolari, din id-data hija meqjusa siewja għall-investigazzjoni ta' kemm it-tendenzi fil-kummerċ taż-żona tal-euro u fil-mod tad-determinazzjoni tal-prezzijiet, kif ukoll biex jinftiehem l-impatt ekonomiku ta' l-investment barrani dirett dwar, per eżempju, il-kompetittivitá jew l-impjeg.
5. F'dan il-kuntest, il-BĊE jieħu l-opportunitá biex jikkumenta dwar ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi tar-regolament propost. Il-BĊE jinnota li r-regolament propost ma jagħmilx il-forniment ta' l-*outward FATS* obbligatorju b'effett immedjat. Huwa biss wara perjodu ta' tliet snin li jkun possibbli li r-riżultati ta' l-istudji pilota, li għandhom jitwettqu f'xi Stati Membri, jiġu evalwati. Il-BĊE jiddispjaċih li minkejja l-flussi tad-data pprovduti għall-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti, f'Sezzjoni 2 ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar, 2005, dwar l-istatistika tal-Komunitá dwar il-bilanċ tal-pagamenti, il-kummerċ internazzjonali f'servizzi u l-investment barrani dirett<sup>1</sup>, jindikaw kategoriji separati għal oġġetti u servizzi, fir-regolament propost l-oġġetti u servizzi mhumiex ikkategorizzati separatament b'dan il-mod. Jekk din id-data mhijiex ikkategorizzata separatament, il-valur tagħha għall-analiżi jitnaqqas u jkun aktar diffiċli biex tqabbilha ma' data ppublikata fil-pajjiżi li huma l-kontropartijiet prinċipali taż-żona tal-euro.
6. Kwistjoni oħra hija l-iskadenza ta' 20 xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza biex l-iStati Membri jibagħtu l-*inward FATS*, fil-preżent ittrattati f'Sezzjoni 5 ta' l-Anness I mar-regolament propost. Dan jidher li jkun il-limitu ta' żmien massimu possibbli bex jiżgura evalwazzjoni regolari ta' żviluppi ekonomiċi li jinvolvu tibdiliet (frekwenti) fl-istruttura ta' korporazzjonijiet kbar u n-numru, id-daqs, u s-settur ta' l-attivitá ekonomika ta' l-affiljati tagħhom. Il-BĊE jinkoraġġixxi għalhekk lill-Parlament u lill-Kunsill biex jikkunsidraw il-possibbilta, wara evalwazzjoni ta' studji pilota, li jqassru l-iskadenza proposta fiż-żmien medju, ta' lanqas għal data aggregata (e.ż. 'Livell 1', kif imsemmi fir-regolament propost). Dan jagħmilha aktar qrib tal-puntwalita' għar-rapportar ta' data aggregata dwar l-investment barrani dirett, stabbilita fir-Regolament (KE) Nru. 184/2005, li jipprovdi għal skadenza ta' disa' xhur.

---

<sup>1</sup> ĠU L 35, 8.2.2005, pġ. 23.

7. Wara evalwazzjoni aktar dettaljata ta' l-Annessi I sa III mar-regolament propost, il-BĊE jinnota li s-Sezzjoni 6 ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 184/2005 intitolata 'Livelli ta' klassifikazzjoni ġeografika' tinkludi element addizzjonali msemmi 'U4 Żona ekstra-euro' flimkien ma' elementi oħra li jinsabu fl-UE. Il-BĊE jikkunsidra li sabiex l-aggregat taż-żona tal-euro jiġi prodott, ikun siewi li tiddaħħal referenza simili għal 'Żona ekstra-euro' fl-Anness III mar-regolament propost, bħala livell ta' klassifikazzjoni ġeografika addizzjonali taħt l-intestatura 'Livell 1'. Finalment, il-Memorandum Spjegattiv jirreferi għall-'UE-15' (u alternattivament 'il-15 Stat Membru ta' l-UE'); il-BĊE jipproponi li minflok għandu jirreferi għall-'UE-25' ta' bħalissa jew għall-'25 Stat Membru ta' l-UE'.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-31 ta' Mejju, 2005.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET